



© Adobe Stock: luismolinero

Il-Pjattaforma tal-Parteċipazzjoni tat-Tfal tal-UE

IT-TIELET KONSULTAZZJONI

L-ILĦNA TAT-TFAL DWAR IL-BULLYING ĊIBERNETIKU

SOMMARJU TA' DAK LI QALU T-TFAL

SETTEMBRU 2025

X'INHU L-ISKOP?

L-Unjoni Ewropea qed taħdem fuq **Pjan ta' Azzjoni kontra l-Bullying Ċibernetiku** biex tgħin fil-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku, u tappoġġa aħjar lil dawk it-tfal u l-adolesxenti affettwati minnu.

Tfal minn madwar l-Unjoni Ewropea kollha wieġbu għal sħarriġ online fil-lingwi kollha tal-UE permezz tal-**Pjattaforma tal-UE tal-Parteċipazzjoni tat-Tfal**.

Huma qasmu l-esperjenzi u l-ħsibijiet tagħhom, u taw suġġerimenti dwar x'jista' jgħinhom jirrapportaw il-bullying ċibernetiku, u x'għandhom jagħmlu l-iskejjel, l-adulti u l-pjattaformi tal-media soċjali kontri.



© Adobe Stock: Zubair



© Adobe Stock: Lifeisbeautiful

MIN IPPARTEĊIPA?

6 343 tifel u tifla u adolesxenti li għandhom bejn t-12 u s-17-il sena mis-27 pajjiż tal-UE.

**57% BNIET,
40% SUBIEN,
3% OĦRAJN.**



It-tfal huma mħassba ħafna dwar il-bullying ċibernetiku u jridu aktar azzjoni mill-adulti. Biex jipprevenuh, jedukaw aktar dwaru, u jgħinu lil dawk kollha affettwati.

L-AZZJONIJIET LI JRIDU T-TFAL!



- Il-pjattaformi tal-media soċjali jerfgħu r-responsabbiltà u jaġixxu kontra l-bullying ċibernetiku
- Ir-rappurtar għandu jsir aktar faċli u jintwera li qed tittieħed azzjoni
- Jiġu involuti l-ġenituri u jiġu mħeġġa konverżazzjonijiet miftuħa dwar il-bullying ċibernetiku
- Titqajjem sensibilizzazzjoni u edukazzjoni dwar il-bullying ċibernetiku
- Tinħoloq kultura ta' ġentilezza, u ambjenti sikuri
- Jiġu fornuti appoġġ u konsulenza lil dawk affettwati mill-bullying ċibernetiku
- Jissaħħu l-liġijiet u l-konsegwenzi għall-bullying ċibernetiku
- Jiġi llimitat l-aċċess għall-media soċjali għal tfal iżgħar fl-età



© European Union

X'JAĦSBU T-TFAL DWAR IL-BULLYING ĊIBERNETIKU

- Il-biċċa l-kbira tat-tfal qalu li l-bullying ċibernetiku jfisser li wieħed jgħid affarijiet li jfissru jew li jweggħu f'messaġġi jew f'kummenti
- Ħafna qalu wkoll li l-bullying ċibernetiku huwa l-kondiviżjoni ta' oġġetti imbarazzanti jew privati mingħajr ma dan jintalab jew meta xi ħadd jippretendi li jkun xi ħadd ieħor online biex jiddisturba jew iweggħa' lil xi ħadd
- Il-biċċa l-kbira qalu li n-nies iwettqu bullying ċibernetiku lil ħaddieħor għall-gost u għall-attenzjoni jew biex iħossuhom b'saħħithom
- Ħafna qalu li l-bullying ċibernetiku jġiegħel lin-nies iħossuhom imdejqa, imweggħhin u waħedhom jew esklużi



MIN RA JEW ESPERJENZA L-BULLYING ĊIBERNETIKU?

- Wieħed minn kull erbat itfal qalu li l-bullying ċibernetiku ġara' lilhom
- Ħafna tfal, speċjalment adolexxenti akbar fl-età, raw xi nies ikunu kattivi online
- Aktar bniet qalu li esperjenzaw u raw bullying ċibernetiku mis-subien
- Nofs it-tfal ħasbu li jiġri l-aktar lil dawk li huma "differenti" minħabba min huma, kif jidhru, jew minn fejn jiġu

© European Union

KSIB TA' GĦAJNUNA U APPOĠĠ

- Il-biċċa l-kbira tat-tfal imorru għand ġenitur jew persuna li tindokra għall-għajnuna jekk ikunu vittmi ta' bullying ċibernetiku
- It-tfal akbar fl-età spiss imorru wkoll għand ħabib
- Il-bniet aktar spiss imorru għand il-ġenituri u l-ħbieb tagħhom milli s-subien
- 14 % biss tat-tfal qalu li jużaw linja telefonika għall-għajnuna jew sit web ta' appoġġ biex jiksibu l-għajnuna
- 11 % tat-tfal ma jgħidu lil ħadd jekk ikunu vittmi ta' bullying ċibernetiku

"Aktor konsulenza biex tgħin kemm lill-vittmi kif ukoll lill-bullies jifhmu x'qed jiġri."

(Tfajla, 17-il sena, ir-Rumanija)

"Kieku kont naf li ma kontx waħdi f'dan"

(Intimat, 16-il sena, iċ-Ċekja)



© European Union

RAPPORTAR TAL-BULLYING ĊIBERNETIKU



- It-tfal iridu li r-rapportar ikun sempliċi, faċli u affidabbli – ikunu ċerti li jaħdem
- Għandu jiġi żgurat segwitu — it-tfal iridu jkunu jafu u jaraw li tittieħed azzjoni
- Żgurar tal-privatezza u l-protezzjoni — il-biċċa l-kbira tat-tfal akbar fl-età jridu li r-rapporti jibqgħu privati
- Il-bniet iridu gwida dwar kif jirrappurtaw il-bullying ċibernetiku aktar ta' spiss milli s-subien
- Tfal iżgħar iridu gwida dwar x'għandhom jagħmlu b'lingwaġġ sempliċi



"Sistemi tal-media soċjali aktar ċari, buttuni ta' rapportar aktar viżibbli, detezzjoni ta' prattiki ħżiena..."

(Tfajjel, 13-il sena, Spanja)

"Tweġiba li xi ħadd fil-fatt irċieva dan il-messaġġ u qed jieħu ħsiebu"

(Tfajla, 16-il sena, il-Ġermanja)

X'IRIDU T-TFAL LI JAGĦMLU L-ADULTI

L-ISKEJJEL U L-ADULTI GĦANDHOM:

- Ikollhom regoli u konsegwenzi ċari biex jgħinu jwaqqfu l-bullying ċibernetiku
- Jipprovdu appoġġ emozzjonali, inkluż psikoloġiku, għall-vittmi b'adulti jew pari fdati biex jirkomdu magħhom
- Flimkien mal-ġenituri tagħhom, jipprovdu appoġġ lil dawk li qed jibbuljaw lil ħaddieħor
- Jgħallmu dwar l-empatija u kif għandek tagħxi ġentilment online, kif ukoll dwar il-ħiliet diġitali u s-sikurezza online
- Iqajmu kuxjenza u jagħtu s-setgħa lit-tfal biex jgħinuhom ilaħħqu aħjar mal-bullying ċibernetiku u jindirizzawh
- Iżidu l-protezzjoni prattika fl-ambjenti ta' kuljum, kemm online kif ukoll offline

IL-PJATTAFORMI TAL-MEDIA SOĠJALI GĦANDHOM:

- Jieħdu responsabbiltà u jagħxu kontra l-bullying ċibernetiku
- Jieħdu r-rapportar bis-serjetà u jirrappurtaw dwar is-segwitu
- Ifasslu sistemi ta' rapportar aktar sempliċi
- Jipprovdu appoġġ lill-vittmi u jagħtu informazzjoni dwar imġiba tajba b'lingwaġġ sempliċi

"Jiġu applikati penali u linji gwida b'mod effettiv (xi drabi jkunu biss fuq il-karta)"

(Tfajla, 17-il sena, il-Polonja)

"Nipprijoritizzaw it-tagħlim dwar l-għajnuna u r-rispett għall-oħrajn, speċjalment dawk li huma differenti, u nuru s-sbuħija f'dawn id-differenzi"

(Tfajjel, 16-il sena, il-Portugall)

"Liġijiet aktar stretti ma' tim ta' persuni li kapaċi jinfurzaw il-liġijiet" (Tfajjel, 16-il sena, ir-Rumanija)

"Jekk tirċievi rapport li ċerta persuna qed tibbulja, għandek tiegħu azzjoni reali, eż. tiffriża l-kont għal ftit jiem jew ġimgħat, jew tinvestiga s-sitwazzjoni kollha."

(Tfajla, 14-il sena, il-Litwanja)



**TGĦALLEM AKTAR DWAR
IL-PJATTAFORMA U X-XOGĦOL TAGĦNA**



**IKKONSULTA L-PJAN TA' AZZJONI
TAL-KUMMISSJONI EWROPEA
KONTRA Ċ-ĊIBERBULLYING**



#EUChildParticipation

